MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 375/2013

**Cucciardi Reno**
**ezercenti l-kummerc taht l-isem**
***switchpg.com***

**vs**

**Rush Company Limited**
**C38784**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi l-esponenti *noe* gie 'nkarigat mis-Socjeta' 'ntimata sabiex jahdem xoghol ta' *corporate design*, dizinjar ta' logo u *business cards*; illi skont l-*invoice* hawn annessa u mmarkata 'Dok.A' l-prezz komplessiv ghal dan ix-xoghol, inkluz il-VAT, jammonta ghal elf, tnejn u sittin ewro (€1,062); illi s-Socjeta` intimata ghadha sal-gurnata tal-lum ma hallsitx lill-esponenti *noe* ghas-servizzi rezi lilha minghajr ebda raguni valida fil-ligi; illi din is-somma surreferita hija certa, likwida, dovuta u skaduta.

Ghaldaqstant, l-esponenti *noe* umilment jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu, ghar-ragunijiet premessi, jordna lis-Socjeta` ‘ntimata thallsu s-somma ta’ elf, tnejn u sittin ewro (€1,062), bl-ispejjez ta’ din il-kawza, l-imghaxijiet legali, u l-ispejjez tal-ittra ufficjal 166A tat-23 ta’ Awwissu, 2012 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata ‘Dok.B’) kontra s-Socjeta’ ‘ntimata li hi ngunta in Subizzjoni.

Ra r-risposta tas-Socjeta` konvenuta, li permezz taghha eccepiet, (i) illi preliminarjament is-Socjeta` konvenuta ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bi spejjez kontra l-attur stante illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet; (ii) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mill-attur huwa *prima facie* eccessiv tenut kont il-prezz tas-suq ghal servizzi tal-istess xorta; (iii) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija nfondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt; (iv) salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kollha ‘nkluzi dawk tan-nota pprezentata mis-Socjeta` konvenuta fil-5 ta’ Settembru, 2012 fl-atti tal-ittra ufficjali numru 1744/2012 ipprezentata fit-23 ta’ Awwissu, 2012.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attur iddikjara illi hu jaghmel xoghol ta’ *web u graphic designer* u li gie ‘nkarigat, tramite ta’ certu Mark Ellul, sabiex ihejji *corporate identity* ghas-Socjeta` konvenuta, u ghal zewg sussidjarji taghha, bl-isem ‘High Fashion’ u ‘Denim Connections’. Illi l-inkarigu kien jikkonsisti fi tfassil u dizinjar ta’ tliet (3) *logos* separati u thejjija ta’ *business cards*. Illi l-attur isostni illi dan ix-xoghol sar minnu, izda baqa’ ma thallasx ghalih. Iddikjara wkoll illi din ma kienitx l-ewwel darba li s-servizzi tieghu gew inkarigati tramite tal-intervent ta’ Mark Ellul, u ladarba l-attur iwettaq ix-xoghol, jithallas direttament minghand il-klijent. Illi l-istess attur ikkonferma illi hu qatt ma ltaqa’ mar-rapprezentanti tas-Socjeta` konvenuta, u cioe’

Mark Calleja Urry u Stephen Stivala. Iddikjara wkoll illi l-istima li hareg ghax-xoghol li kien ser jigi mwettaq fuq inkarigu tas-Socjeta' konvenuta bghatha lil Mark Ellul, u li hu fl-ebda waqt ma bghatha direttament lir-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta. Illi dwar l-approvazzjoni sabiex jigi mwettaq ix-xoghol, iddikjara illi l-konferma rceviha minghand Mark Ellul u mhux minghand ir-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta.

Illi Mark Ellul iddikjara illi x-xoghol tieghu huwa ta' *marketing consultant* u li hu kien gie nkarigat mis-Socjeta` konvenuta sabiex jghamel xoghol ta' *market survey*. Illi s-Socjeta' konvenuta kienet tehtieg illi jsiru xi xogholijiet ta' *graphic design*, u aktar specifikament illi jigu dizinjati xi *corporate logos* u *business cards*, u l-istess xhud irrefera lis-Socjeta' konvenuta ghand l-attur. Illi dan tal-ahhar hejja varji *samples* ta' dawn il-*logos*, u l-istess xhud iddikjara illi r-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta, Mark Calleja Urry, kien ra x-xoghol imhejji mill-attur, u kien anke approva uhud mis-*samples*. Illi l-istess xhud iddikjara illi r-rwol tieghu bejn il-partijiet kontendenti kien dak ta' *middleman*, in kwantu irrefera lis-Socjeta` konvenuta ghand l-attur, u ma kellu ebda involviment in rigward hlas ghas-servizzi li gew ipprestati mill-attur, in kwantu li l-istess xhud ma kien qed jippretendi ebda hlas ta' kummissjoni jew hlas iehor. Illi in rigward l-iskambju ta' e-mails li gew ipprezentanti minn dan ix-xhud, u li jinsabu *a fol* 41 sa 48 tal-atti, gie kjarifikat illi tali skambju kienu bejnu u l-attur, u li mill-atti ma tirrizultax konferma tal-ordni li saret mir-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta.

Illi l-istess rapprezentant tas-Socjeta` konvenuta ddikjara illi ghalkemm lill-attur ma jafux personalment u lanqas ikkorisponda mieghu direttament, hu gie riferut ghandu minn Mark Ellul sabiex jghamel xoghol ta' disinn ta' *corporate logos* u *business cards* ghas-Socjeta' konvenuta. Illi dwar is-*samples* tal-varji *logos* – u li kienu mehtiega tlieta (3) differenti – iddikjara li rcieva l-istess kampjuni u li saru l-ghazliet taghhom. Madanakollu, ma rcivewx stima ghal tali xogholijiet, u eventwalment ircivew fattura. Illi l-istess Socjeta` konvenuta, peress li baqghet ma rcevietx l-istima, ma kkonfermatx l-ordni taghha, u meta rcivew il-fattura deherilhom illi l-prezzijiet li gew mitluba mill-attur kienu eccessivi. Illi l-istess rapprezentant iddikjara illi kemm-il darba kien jaf dwar il-prezz li kien qed jitlob l-attur, allura zgur li ma kienux jikkonfermaw l-ordni. Illi minn indagini illi wettaq l-istess rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta rrizultalu illi l-prezz ghal xoghol simili ghal dak imwettaq mill-attur ikun inqas minn dak mitlub mill-istess attur, u li kien ikun fl-ammont ta' madwar mitejn ewro (€200) jew mitejn u hamsin ewro (€250) ghal kull *logo*.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta’ din l-azzjoni l-attur qed jitlob hlas tas-somma ta’ elf, tnejn u sittin ewro (€1,062), liema ammont jirraprezenta l-prezz ta’ xoghol ta’ disinn ta’ tliet (3) *corporate designs*, ta’ *logos* u *business cards.* Illi l-kontestazzjoni tas-Socjeta’ konvenuta hija bbazata fuq zewg binarji, u cioe’ illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet, stante illi l-attur ma giex inkarigat direttament mis-Socjeta` konvenuta sabiex iwettaq ix-xogholijiet in kwistjoni, oltre illi l-prezz mitlub mill-attur huwa eccessiv.

Illi ma jidhirx li huwa kkontestat mis-Socjeta` konvenuta illi l-attur effettivament wettaq xoghol ta’ disinn ta’ *corporate logo* u anke ta’ *business cards*, u r-rapprezentant tas-Socjeta` konvenuta kkonferma wkoll illi *addirittura* ghazel uhud mid-disinni illi taghhom inghata l-kampjuni. Illi effettivament gew imhejjija diversi disinni ta’ tliet (3) *logos* differenti, stante illi kienu mehtiega disinni ghal ‘Rush Company Limited’, ‘Denim Connection’ u ‘High Fashion’ fejn dawn tal-ahhar huma sussidjarji tas-Socjeta’ konvenuta. Madanakollu, l-istess rapprezentant tas-Socjeta` konvenuta jikkontendi illi ma kienitx l-istess Socjeta` konvenuta li nkarigat is-servizzi tal-attur, izda kien Mark Ellul li ghamel dan; illi ghalhekk l-attur ma jistax jippretendi hlas direttament minghand is-Socjeta` konvenuta. Illi oltre dan, l-approvazzjoni tas-Socjeta` konvenuta tal-ordni taghha tad-disinn tal-varji *logos* kien ser jiddependi mill-prezz li kien ser jigi kkwotat lilhom, liema stima, ir-rapprezentant tas-Socjeta` konvenuta jsostni li qatt ma rceviha, u kien ircieva biss, eventwalment, il-fattura ghall-hlas.

Illi dwar l-involviment ta’ Mark Ellul fin-negozju bejn il-partijiet kontendenti rrizulta, mill-provi mressqa, illi kien wiehed attiv, in kwantu baqa’ f’kuntatt maz-zewg partijiet dwar id-disinn tal-*logos* u l-*business cards*, u dan kif jirrizulta mill-iskambju ta’ e-mails li kopja taghhom tinsab *a fol.*41 *et seq.* tal-atti. Illi minn tali skambju ta’ korrispondenza jirrizulta illi fl-ebda waqt ma kien hemm kuntatt dirett bejn il-partijiet kontendenti, izda l-kuntatt kien qed isir *tramite* tal-istess Mark Ellul. Madanakollu, l-istess Mark Ellul iddikjara illi ebda hlas ma kien ser ikun dovut lilu ghax-xoghol li kien qed jigi mwettaq mill-attur, la *in linea* ta’ hlas ghas-servizz li seta’ kien qed irendi, u lanqas *in linea* ta’ kummissjoni. Illi f’dan ir-rigward saret referenza ghall-fattura li nharget mill-attur, u li kopja taghha tinsab a fol.4 tal-atti, minn fejn jirrizulta illi din inharget direttament fil-konfront tas-Socjeta’ konvenuta.

Illi dwar trattattivi li setghu saru bejn il-partijiet kontendenti, jew tramite ta' Mark Ellul, dwar il-prezz ma tressqet ebda prova minn ebda parti, salv illi l-istess Mark Ellul in kontro-ezami ddikjara illi hu ltaqa' diversi drabi mar-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta, u li f'dawk l-okkazjonijiet gie diskuss ukoll il-prezz. Illi t-Tribunal iqis tali dikjarazzjoni kemmxejn dubjuza tenut kont dak dikjarat mill-istess xhud illi hu kien qed jagixxi biss bhala *middleman* bejn il-partijiet, ghaliex kemm-il darba kien qed jagixxi f'din il-kwalita', allura huwa dubjuz jekk setax jinnegozja l-prezz fl-assenza tal-attur. Illi dwar l-allegata stima li l-attur hareg, u li bghat permezz ta' e-mail lil Mark Ellul li mbaghad allegatament inbaghtet permezz ta' e-mail lir-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta, dan tal-ahhar stqarr illi jista' jkun illi ntbaghtet tali stima, izda li huwa ma rceviehix ghaliex f' dak iz-zmien kien stazzjonat it-Tunezija.

Illi tenut kont tal-fatti kollha tal-kaz, b'mod partikolari l-fatt illi r-rapprezentant tas-Socjeta` konvenuta mhux qed jikkontendi illi l-varji disinni ta' kampjuni ta' *logos* gew ikkonsenjati lilu, u li anke ghazel minnhom, iwassal lil dan it-Tribunal ghall-konkluzjoni illi allura jispetta hlas lil min wettaq tali xoghol, u cioe' lill-attur. Illi lanqas ma huwa kkontestat mis-Socjeta` konvenuta illi tali xoghol ta' disinn sar mill-attur, u fin-nuqqas ta' prova li turi li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet kontendenti li l-hlas ghal tali servizz kellu jigi mwettaq lil Mark Ellul, jew tramite tieghu, allura l-eccezzjoni sollevata mis-Socjeta` konvenuta li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet kontendenti, m'hix gustifikata u ser tigi skartata.

Illi in rigward l-eccezzjoni l-ohra sollevata mis-Socjeta` konvenuta illi l-prezz mitlub mill-attur huwa wiehed esagerat, ma ngabet ebda prova mill-istess Socjeta` konvenuta in sostenn ta' din l-eccezzjoni, salv ghal dak li gie dikjarat mir-rapprezentant tas-Socjeta` konvenuta illi minn stharrig li ghamel, servizz ta' disinn simili ghal dak imwettaq mill-attur, il-hlas ikun ta' madwar mitejn ewro (€200) jew mitejn u hamsin ewro (€250) ghal mitt (100) biljett. Illi ghalkemm ghamel tali dikjarazzjoni, ir-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta ma ressaq ebda prova in sostenn ta' dan, bhal per ezempju stima rilaxxjata minn *graphic designer* iehor; illi ghalhekk u fic-cirkostanzi, u tenut kont tal-varji kampjuni li gew imhejjija mill-attur, li kopji taghhom jinsabu *a fol.*18 sa 35 tal-atti, u *a fol.*53 sa 58 tal-atti, it-Tribunal iqis tali eccezzjoni bhala mhux gustifikata. Illi dan oltre l-fatt illi tali disinni huma a disposizzjoni tas-Socjeta` konvenuta, li allura ghandha l-fakolta' u possibilita' illi taghmel uzu mill-*logos* u tistampa dawk il-*business cards* li tkun tehtieg.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-Socjeta' konvenuta, qed jilqa' it-talba tal-attur u jordna lis-Socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf, tnejn u sittin ewro (€1,062.00), bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez jkunu a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------